MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1215/1999/1

**Alexander Bonello ghan-nom u**
**in rapprezentanza ta' 13 Distributions Limited**

**v.**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

1. Dan huwa appell interpost permezz ta’ rikors intavolat minn Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited – (“is-socjeta`

konvenuta” jew “is-socjeta` appellanti”), minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Jannar 2003. Permezz taghha, dik il-Qorti laqghet it-talbiet tas-socjeta` 13 Distributions Limited (“is-socjeta` attrici” jew “is-socjeta` appellata”) wara li cahdet il-kontro-talba maghmulha mis-socjeta` konvenuta u ghalhekk ikkundannat lil din l-ahhar imsemmija socjeta` li thallas is-somma ta’ tlett elef u disgha u sittin u disghin centezmu (Lm3,069.90c) lis-socjeta` attrici – bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

2. Din is-sentenza qeghdha tigi riprodotta hawn kollha kemm hi peress li fiha hemm riprodotti mhux biss it-talbiet rispettivi tal-kontendenti, kif ukoll l-eccezzjonijiet li l-partijiet issollevaw izda fiha wkoll il-motivi kollha moghtija mill-ewwel Qorti li wassluha li tiddeciedi kif iddecidiet:

“Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

“Illi fil-21 ta’ April 1998 is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta iffirmaw ftehim, li kopja tieghu jinsab hawn esebit bhala Dokument “A”, fis-sens illi is-socjeta` attrici kellha tqassam gewwa Malta u Ghawdex bieb bieb fuq l-inkarigu tas-socjeta` konvenuta il-ktejjeb tal-“Kwiksave News No.24” u dana matul l-ewwel gimghatejn ta’ Gunju 1998 bil-prezz ta’ zewg centezmi u hames millezmi (2c5) ghal kull ktejjeb imqassam ibbazat fuq minimu ta’ mija u erghin elf (140,000) kopja;

“Illi l-imsemmi ktejjeb tqassam kif miftiehem u ghalhekk is-socjeta` konvenuta saret debitrici lejn is-socjeta` attrici fl-ammont ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500) u dana kif jirrizulta mill-anness Dokument “B”;

“Illi is-socjeta` konvenuta ghamlet ilment fis-sens illi uhud mill-kotba, u b’mod specifiku dawk li kellhom jitqassmu Haz-Zebbug, tqassmu tardivament, is-socjeta` attrici irriduciet il-kreditu taghhha fuq imsemmi bl-ammont dovut ghad-distribuzzjoni tal-kotba gewwa Haz-Zebbug u cioe` b’disa’ u tmenin lira Maltija (Lm89) u irriduciet inoltre il-kreditu bilancjali taghha ta’ tlett elef erbgha mija u hdax il-lira Maltija (Lm3,411) b’riduzzjoni ohra ta’ ghaxra fil-mija

(10%) b’mod illi ir-riduzzjoni totali kienet ta’ erbgha mija u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm430.10) u dana kif jirrizulta mill-anness Dokument “C”; u

“Illi, ghalhekk, is-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont bilancjali ta’ tlett elef u disa u sittin lira Maltija u disghin centezmu (Lm3,069.90) u minkejja ghall-fatt illi is-socjeta` attrici interpellat lis-socjeta` konvenuta kemm il-darba sabiex thallas l-imsemmi kreditu hija baqghat inadempjenti;

“Ghalhekk l-attur nomine talab li s-socjeta` konvenuuta tghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

“1. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur nomine is-somma fuq imsemmija ta’ tlett elef u disgha u sittin lira Maltija u disghin centezmu (Lm3,069.90), dovut kif fuq inghad, jew ammont iehor verjuri li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji tal-21 ta’ Ottubru u tat-18 ta’ Novembru 1998, u bl-imghaxijiet relattivi kontra is-socjeta` konvenuta li giet imharrka ghas-suizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit :

“Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghar-ragunijiet segwenti:

“1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta` attrici ma onoratx il-flehim li kien intlahaq bejn il-partijiet sew ghaliex il-ktejjeb koncernat tqassam tardivament in parte, kif ukoll ghaliex ma tqassamx fl-inhawi kollha kif miftiehem, u dan kif ser jirrizulta f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“2. Illi fit-tieni lok, il-fatt illi s-socjeta` attrici naqset milli tosserva l-kundizzjonijiet tal-ftehim li kellha mas-socjeta`

eccipjenti, wassal sabiex l-istess socjeta` konvenuta soffriet danni konsidderevoli, sew materjali in kwantu telf ta’ parti tal-kapital minfuq ghall-pubblikazzjoni tal-ktejjeb, telf ta’ profitti, kif ukoll fir-reputazzjoni, kif ser jirrizulta f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“3. Illi inoltre, l-fatt li taw lok ghall-eccezzjonijiet hawn fuq sollevati, jghatu lok ukoll ghal kontro-talba li qiegheda tigi hawn proposta;

“Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

“Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn gie premess:

“Illi s-socjeta` esponenti nkarigat lis-socjeta` rikonvenuta 13 Distributions Limited sabiex din tqassam ktejjeb ghaliha bieb bieb bl-idejn, madwar Malta u Ghawdex kollu, u dan permezz ta’ ftehim li ffirmaw il-partijiet fil-21 ta’ April 1998;

“Illi permezz ta’ dan il-ftehim il-partijiet ftehmu fost affarijiet ohra illi it-taqassim ta’ dan il-ktejjeb kellu jibda gurnata wara li s-socjeta` rikonvenuta tigbor l-istess ktejjeb minghand is-socjeta` esponenti, u li dan it-tqassim kellu jdum biss erbat (4) ijiem;

“Illi in effetti it-tqassim ta’ dan il-ktejjeb ma tlestix fit-terminu stipulat;

“Illi s-socjeta` rikonvenuta baqghet sa llum ma kkonsenjatx dan il-ktejjeb gewwa numru konsiderevoli ta’ djar madwar Malta u Ghawdex;

“Illi s-socjeta` esponenti wara li saret taf b’dan minghand in-nies li huma abbonati ma l-iskema tal-Kwiksave, ivverifikat dan kollu permezz ta’ surveys diversi li kkonduciet sew mal-pubbliku kif ukoll ma impjegati taghha u ma dawk tal-Kwiksave u rrzulta illi madwar hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ta’ dawn il-kotba ma wasslux fid-destinazzjoni taghhom;

“Illi s-socjeta` esponenti nefqet somma konsiderevoli sabiex tippubblika dawn il-kotba, li minnhom intilfu u/jew ma tqassmux kwart, b’dan ghalhekk illi s-socjeta` esponenti tilfet kwart tal-kapital uzat minnhabba l-agir tas-socjeta` rikonvenuta;

“Illi inoltre, s-socjeta` esponenti soffriet telf ta’ proffiti konsiderevoli u ghad tista’ tkompli issofri aktar telf minhabba dan l-agir tas-socjeta` rikonvenuta;

“Illi, apparti t-telf imsemmi fiz-zewg paragrafi precedenti , is-socjeta` esponenti soffriet dannu ferm akbar fir-reputazzjoni taghha li mhijiex xi haqa li tista’ tigi rikuprata facilment;

“Illi s-socjeta` esponenti resqet l-ilmenti taghha lis-socjeta` rikonvenuta u talbet tigi kkumpensata, izda din baqghet inadempjenti;

“Ghalhekk is-socjeta` konvenuta talbet li s-socjeta` attrici rikonvenuta tghid ghalhiex, ghar-ragunijiet suesposti, m’ghandhiex dina l-Qorti:

“Tiddikjara li s-socjeta` 13 Distributions Limited ma onoratx l-obbligu taghha kif assunti fil-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet;

“Tiddikjara l-istess socjeta` 13 Distributions Limited unikament reponsabbli tad-danni li soffriet u li ghad tista’ issofri s-sojeta’ esponenti permezz ta’ l-inosservanza ta’ l-obbligi naxxenti mill-istess ftehim;

“Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` esponenti anke okkorrendo permezz ta’ periti mominandi;

“Tikkundanna lill-istess socjeta` attrici rikonvenuta sabiex thallas lis-socjeta` esponenti s-somma li tigi hekk likwidata;

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment ma din il-konto-

talba, kontra is-socjeta` rikonvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta pprezentata mal-kontro-talba taghha u debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghal kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn gie eccepit :

“Preliminarjament, il-kontro-talba hija nulla u ghandha tigi sfilzata ghaliex ma gietx notifikata lilu, skond il-ligi izda sempliciment lill-konsulent legali tieghu;

“Illi, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet fil-kontro-talba ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra is-socjeta` konvenuta ghaliex

“a. Is-socjeta` minnu rapprezentata onorat l-obbligi assunti minnha “to the best of its ability” u skond ic-cirkostanzi tal-kaz;

“b. Is-socjeta` konvenuta ma soffriet l-ebda dannu, kif allegat minnha,  b’konsegwenza ta’ xi agir, jew xi nuqqas, da parti tas-socjeta` attrici u lanqas ma tista issofri ebda dannu fil-futur u dana kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“c. Il-konto-talba hija vessatorja u minghajr bazi u saret unikament sabiex is-socjeta` konvenuta tkompli tevita milli taghmel il-pagament dovut minnha lis-socjeta` attrici kif indikat fic-citazzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici ghat-talba rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

“Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Mejju 2000 minn fejn jirrizulta li s-socjeta` attrici rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha ghal kontro-talba;

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Semghet il-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

“Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

“Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Novembru 2002;

“Ikkonsidrat:

“Mill-provi prodotti jirrizulta li permezz ta’ skrittura privata tal-21 ta’ April 1998 is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta ftehemu li, fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, s-socjeta` attrici esklusivament kellha tqassam f’Malta u f’Ghawdex, bieb bieb, ktejjeb li jikkoncerna skema ta’ rigali konnessa mal-bejgh ta’ varji prodotti mis-socjeta` konvenuta, liema ktiejjeb ghandu t-titolu “Kwiksave News No.24” u dana taht il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha kif kontenuti fl-imsemmi ftehim;

“Fost affarijiet ohra l-partijiet ftehemu li l-ktejjeb kellu jitqassam ghal habta ta’ l-ewwel u t-tieni gimgha ta’ Gunju 1998 u li t-tqassim kellu jsir fuq periodu ta’ erbat (4) ijiem. Il-prezz ghat-tqassim kellu jkun ta’ zewg centezmi u hames millezmi (2c5) ghal kull ktejjeb imqassam ibbazat fuq minimu ta’ mija u erghin elf (140,000) kopja. Il-partijiet ftehemu ukoll li f’kaz ta’ ilment li l-ktejjeb ma giex imqassam f’xi dar partikolari, is-socjeta` attrici obbligat ruhha li tipprovdi kopja tal-ktejjeb minnghajr hlas fl-istess dar partikoari;

“Is-socjeta` attrici qed tippretendi li hi ghamlet kollox skond l-obbligi minnha assunti bl-imsemmi ftehim u ghalhekk tippretendi ukoll li ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta l-ammont ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500). Is-socjeta` attrici pero` rriduciet din is-somma ghall-ammont ta’ tlett elef u disa u sittin liri maltin u disghin centezmu (Lm3069.90) in vista tal-fatt li s-socjeta` attrici accettat l-ilment tas-socjeta` konvenuta li l-kotba tqassmu tardivament f’Haz-Zebbug. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed titlob li s-socjeta` konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma ta’ Lm3069.90;

"Is-socjeta` konvenuta eccepiet li s-socjeta` attrici ma qaghaditx ghall-imsemmi ftehim stante li in parte l-kotba tqassmu tardivament u stante li l-istess kotba ma tqassmux fl-inhawi kollha ta' Malta u Ghawdex kif miftiehem. Is-socjeta` konvenuta qed issosnti li minhabba f'hekk hi sofriet danni konsiderevoli u b'hekk saret kontro-talba, fejn gie inoltre premess li lis-socjeta` konvenuta kien irrizultalha li madwar hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-kotba ma wasslux fid-destinazzjoni taghhom. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta talbet li jigi dikjarat li s-socjeta` attrici ma onoratx l-obbligu taghha u ghalhekk hi responsabbli ghad-danni konsegwenzjali li sofriet l-istess socjeta` konvenuta u talbet ukoll li jigu likwidati dawn id-danni;

"Ghal kontro-talba s-socjeta` attrici eccepiet li hi onorat l-obbligi taghha bl-ahjar mod li setghet u u skond ic-cirkostanzi tal-kaz. Inoltre s-socjeta` konvenuta ma sofriet l-ebda dannu b'konsegwenza ta' xi agir jew xi nuqqas tas-socjeta` attrici u ghalhekk il-kontro-talba saret b'mod vessatorju;

"Jirrizulta ghalhekk li s-socjeta` konvenuta qed issostni li s-socjeta` attrici naqset milli toqghod ghall-obbligi taghha billi in parte qassmet il-ktejjeb tardivament u billi naqset li tqassam l-istess ktejjeb ma' Malta kollha u Ghawdex kollu, bieb bieb, kif kienet obbligata li taghmel. Jidher li s-socjeta` attrici accettat li f'Haz-Zebbug il-ktejjeb tqassam tardivament tant li accettat riduzzjoni fl-ammont kollu li kien dovut lilha skond il-ftehim bil-miktub. Difatti din il-kawza qed issir ghall-imsemmi ammont kif ridott. Ir-riduzzjoni saret billi l-ammont kollu dovut gie mnaqqas bl-ammont dovut ghad-distribuzzjoni tal-kotba gewwa Haz-Zebbug u cioe` b'disgha u tmenin lira Maltija (Lm89) u inoltre saret riduzzjoni ulterjuri ta' ghaxra fil-mija fuq il-bilanc;

"Is-socjeta` attrici ssostni li ma jistax ikun li l-ktejjeb jitqassam fid-djar kollha ta' Malta u Ghawdex. Fl-ewwel lok, skond is-socjeta` attrici, hi prattika li meta jsir dan it-tip ta' tqassim jigu eskluzi dawk l-arji mhux urbani u fit-tieni lok is-socjeta` konvenuta kkonsenjat ghat-tqassim

ammont ta' kotba li hu anqas minn kemm hawn ufficjalment djar f'Malta u Ghawdex;

“In effett jirrizulta li gew konsenjati lis-socjeta` attrici 140,000 kopja meta l-istess socjeta` attrici ssosnti li skond stimi ufficjali hawn 163,000 djar (households) f'Malta u f'Ghawdex. Jirrizulta ukoll li kien fuq suggeriment tas-socjeta` attrici li gie stampat in-numru ta' kopji li eventwalment gie konsenjat lis-socjeta` attrici ghad-distribuzzjoni. Jista’ jinghad pero` li mit-termini ta’ l-imsemmija skrittura jidher li s-socjeta` konvenuta riedet tassikura li kemm jista’ jkun possibli l-ktejjeb in kwestjoni jitqassam fl-akbar numru ta' djar f'dawn il-Gzejjer;

“Is-socjeta` konvenuta ssostni li minn varji ezercizzji li ghamlet kien irrizulta li l-ktejjeb kien tqassam fit-tmenin fil-mija (80%) tad-djar fiz-zewg gzejjer. Dan ghas-socjeta` konvenuta mhux bizzejjed. L-istess socjeta` konvenuta taccetta li f'ezercizzju bhal dan mhux possibli li l-ktejjeb jitqassam fid-djar kollha, pero` kienet tistenna li t-tqassim isir f'mhux inqas minn hamsa u disghin fil-mija (95%) tad-djar;

“Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ghamlet diversi ezercizzji ta' stharrig sabiex tistabilixxi f'kemm-il dar il-ktejjeb gie distribwit. Dawn l-ezercizzji saru kollha permezz ta' impjegati ta’ l-istess socjeta` konvenuta. Waqt li kien qed isir it-tqassim, saru telefonati lill-membri ta’ l-iskema in kwestjoni li kienu fuq il-kotba tas-socjeta` konvenuta sabiex jigi verifikat jekk kienux ircevew il-ktejjeb. Lis-socjeta` konvenuta kien qed jirrizultalha li hafna ma kienux ircevewh. Wara li s-socjeta` attrici informat li t-tqassim kien sar ma’ Malta u Ghawdex, impjegati tas-socjeta` konvenuta gew moghtija istruzzjonijiet biex icemplu mil-lista tal-membri ta’ l-iskema in kwestjoni, zewg membri minn kull lokalita` sabiex jigi verifikat jekk il-ktejjeb in kwestjoni kienx wasal ghandhom. Sussegwentement l-istess impjegati tas-socjeta` konvenuta cemplu tlett membri minn kull triq li skond l-ewwel parti ta’ l-istharig irrizultat li l-ktejjeb ma kienx tqassam;

“Sar ukoll ezercizzju iehor billi gew innotati t-telefonati li saru minn membri ta’ l-iskema lis-socjeta` konvenuta fejn saru ilmenti li l-ktejjeb ma giex imqassam lilhom. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta irceviet 259 minn dawn it-telefonati. Is-socjeta` konvenuta ghamlet ezercizzju iehor fis-sens li giet innotata kull persuna li marret fl-ufficji tas-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma’ l-iskema in kwestjoni. Kull persuna giet mistoqsija jekk ircevitx il-ktejjeb in kwestjoni. B'kollox din il-mistoqsija saret lill-1174. Minn dawn, 78% qalu li kienu ircevewh il-ktieb, filwaqt li 21% qalu li ma rcevewhx. Sar ezercizzju iehor fejn l-impjegati kollha tas-socjeta` konvenuta gew mistoqsija jekk ircevewx il-ktejjeb in kwestjoni;

“Dan l-istharrig kollu pero` wiehed ma jistax joqghod fuqu. L-istharrig li sar da parti tas-socjeta` konvenuta ma sarx b'mod xjentifiku. Kien ikun ahjar kieku tali stharrig sar minn xi hadd specjalizzat u indipendenti u mhux mis-socjeta` konvenuta stess. Fil-kaz fejn gew interpellati zewg membri ta’ l-iskema minn kull lokalita`, ma jistax jinghad li r-rizultat hu affidabbli peress illi jekk iz-zewg membri interpellati jghidu li ma rcevewx il-ktejjeb ghar-rigward ta' dik il-lokalita` in partikolari r-rizultat ikun li mija fil-mija (100%) ma rcevewx il-ktejjeb. Ghar-rigward ta’ l-ammont ta' telefonati li saru minn membri ta’ l-iskema lis-socjeta` konvenuta, jista’ jinghad li dan l-ammont hu minimu meta wiehed jikkonsidra li l-membri fl-iskema, skond l-istess socjeta` konvenuta, huma erbgha u hamsin elf (54,000). Ma jirrizultax kif dawk il-21% minn 1174 marru fl-ufficju tas-socjeta` konvenuta meta huma stqarrew li ma kienux ircevew il-ktejjeb;

“Barra minn hekk dirigenti tas-socjeta` attrici kkonfermaw li meta ghamlu verifiki ghar-rigward ta' xi indirizzi li gew mghoddija mis-socjeta` konvenuta bhala indirizzi fejn il-ktejjeb ma tqassamx irrizulta li xi whud mill-indirizzi u whud mill-ismijiet kienu hziena;

“Il-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta li l-ktejjeb tqassam fi tmenin fil-mija (80%) tad-djar ma tirrizultax ippruvata. Min-naha l-ohra s-socjeta` attrici kkonfermat li kellha hamsin (50) ruh involuti f’dan it-tqassim. Dirigenti tas-

socjeta` attrici kkonfermaw li l-kotba kollha tqassmu fil-hin u skond il-ftehim ad eccezzjoni ta' dawk li kellhom jitqassmu Haz-Zebbug, li tqassmu ftit tard;

“In vista ta' dan kollu jirrizulta li s-socjeta` attrici esegwiet bl-ahjar mod possibli l-obbligi taghha skond il-ftehim in kwestjoni. Jirrizulta li l-ktejjeb tqassam tard f'lokalita` wahda u r-riduzzjoni li saret mis-socjeta` attrici f'dan ir-rigward tirrizulta adegwata u ragionevoli fic-cirkostanzi. Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta sofriet xi danni, b'mod partikolari ghar-rigward tal-fatt li f'lokalita` wahda l-ktejjeb tqassam tard. Ghalhekk it-talba tas-socjeta` attrici ghandha tigi akkolta, filwaqt li l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi michuda;

“Ghal dawn il-motivi:

“Tiddeciedi ghar-rigward tal-kontro-talba billi fl-ewwel lok tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` konvenuta;

“Tiddeciedi ghar-rigward tat-talbiet attrici billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef u disgha u sittin lira Maltija u disghin centezmu (Lm3,069.90) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni;

“Spejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta.”

## **<u>II. L-APPELL</u>**

3. Is-socjeta` konvenuta ressqet is-segwenti aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata fir-rikors ta’ l-appell taghha prezentat fit-18 ta’ Frar 2003:

a. li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti li tressqu quddiemha, liema apprezzament zbaljat wassalha sabiex cahdet kemm l-eccezzjonijiet kif ukoll il-kontro-talba tas-socjeta` appellanti;

b. li l-ewwel Qorti arbitrarjament u minghajr parir tekniku skartat provi krucjali li kienu l-bazi ta' l-azzjoni odjerna;

c. li l-ghoti ta' l-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta appellanti kien ukoll zbaljat.

Wara li s-socjeta` appellanti spjegat dawn l-aggravji b'referenza ghall-provi li tressqu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, hija talbet li din il-Qorti ghogobha tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li tilqa' l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta` appellanti, tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici appellata ghall-kontro-talba, tilqa' l-istess kontro-talba u tillikkwida d-danni kollha sofferti minnha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

4. Is-socjeta` appellata kkontestat l-appell b'risposta pprezentata fit-28 ta' Marzu 2003. Hemmhekk hija taghti r-ragunijiet taghha ghaliex is-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma. Hija talbet li l-appell tas-socjeta` konvenuta jigi respint u li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Din hija kawza dwar ftehim li sar permezz ta' skrittura privata li kopja taghha tinsab esebita a fol. 6 tal-process. Din l-iskrittura ggib id-data tal-21 ta' April 1998 u biha l-konvenuti qablu li s-socjeta` attrici tqassam gewwa Malta u Ghawdex, bieb bieb, ktejjeb bl-isem "Kwiksave News No. 24" fuq perjodu ta' erbat (4) ijiem matul l-ewwel gimghatejn ta' Gunju 1998. Is-socjeta` konvenuta intrabtet li thallas ghal dan is-servizz il-prezz ta' 2c5 ghal kull ktieb imqassam liema prezz gie bbazat fuq minimu ta' mija u erbghin elf (140,000) kopja.

6. Is-socjeta` attrici sostniet fic-citazzjoni taghha li l-ktejjeb tqassam kif miftiehem u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kienet debitrici lejha fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500). Is-socjeta` attrici kompliet

tghid li peress li s-socjeta` konvenuta ilmentat fis-sens li whud mill-kotba, u b'mod specifiku dawk li kellhom jitqassmu f'Haz-Zebbug, tqassmu tardivament, is-socjeta` attrici rriduciet il-pretensjoni taghha bis-somma ta' disgha u tmenin lira (Lm89) ghad-distribuzzjoni tal-kotba li saret gewwa Haz-Zebbug kif ukoll irriduciet il-kreditu bilancjali taghha ta' tlett elef u erba' mija u hdax-il lira (Lm3,411) b'riduzzjoni ulterjuri ta' ghaxra fil-mija (10%) b'mod illi r-riduzzjoni totali kienet ta' erba' mija u tletin lira u ghaxar centezmi (Lm430.10), kollox kif jidher fid-dokument C a fol. 8 tal-process. Ghaldaqstant is-socjeta` attrici qeghdha tippretendi li s-socjeta` konvenuta ghandha taghtiha s-somma ta' tlett elef u disgha u sittin lira u disghin centezmu (Lm3,069.90).

7. Min-naha taghha, is-socjeta` konvenuta rribattiet li s-socjeta` attrici m'onoratx il-ftehim li kien hemm bejniethom, sew ghaliex il-ktejjeb in kwistjoni tqassam in parte tardivament, kif ukoll ghaliex ma tqassamx fl-inhawi kollha ta' Malta u Ghawdex skond kif kien miftiehem. Barra minn hekk, is-socjeta` konvenuta tghid li minhabba l-fatt li s-socjeta` attrici naqset milli tosserva sewwa l-kundizzjonijiet kollha tal-ftehim, l-istess socjeta` konvenuta sofriet danni konsiderevoli, sew materjali bhal telf ta' parti tal-kapital minfuqa ghall-publikazzjoni tal-ktejjeb, telf ta' profitti kif ukoll fir-reputazzjoni taghha. Is-socjeta` konvenuta sostniet li s-socjeta` attrici baqghet ma kkonsenjatx dan il-ktejjeb gewwa numru konsiderevoli ta' djar madwar Malta u Ghawdex u wara li s-socjeta` konvenuta saret taf b'dan minghand in-nies li huma abbonati ma' l-iskema tal-Kwiksave, hija ghamlet il-verifiki neccessarji permezz ta' *surveys* diversi li kkonduciet sew mal-pubbliku kif ukoll ma' l-impjegati taghha u ma' dawk tal-Kwiksave u rrizulta li madwar hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ta' dawn il-kotba ma twasslux fid-destinazzjoni taghhom. Is-socjeta` konvenuta allegat li nefqet somma konsiderevoli biex tippublika dawn il-kotba, li minnhom intilfu jew ma tqassmux kwart ($^{1}/_{4}$) u ghalhekk din l-istess socjeta` tilfet is-soma ta' hamest elef u tmien mija u tmienja u sittin lira (Lm5,868.00), liema somma tidher specifikata fl-ittra datata 9 ta' Ottubru 1998 li ntbaghtet lis-socjeta` attrici u li tinsab a fol. 20 tal-process.

8. Bl-ewwel aggravju taghha, s-socjeta` appellanti tillanja li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti li tressqu quddiemha. B'dan l-aggravju s-socjeta` appellanti qeghdha tikkontesta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u allura qeghdha tistieden lil din il-Qorti biex tasal ghall-konkluzjoni differenti wara ezami tal-provi akkwiziti fil-process. F'dan ir-rigward, ghandu jigi riaffermat, il-principju baziku, assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti, li hija m'ghandhiex tissostitwixxi l-gudizzju taghha fuq materja li tkun essenzjalment tinvolvi apprezzament ta' provi u fatti, sakemm ma jirrizultawlhiex cirkostanzi li kjarament kienu wasslu lill-ewwel Qorti ghal decizjoni evidentement zbaljata. Huwa biss f'kazijiet bhal dawn li din il-Qorti tkun jehtigilha li tintervjeni biex tevita li ssir ingustizzja manifesta.

9. Il-Qorti tirrileva li l-ewwel Qorti kellha opportunita` li tisma' *viva voce* x-xiehda principali li tressqet mill-kontendenti. M'ghandniex xi nghidu li huwa evidenti ghalhekk li l-ewwel Qorti kienet f'pozizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti biex tizen u tevalwa d-depozizzjonijiet ta' l-imsemmija xiehda fid-dawl tal-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda. Din il-Qorti, wara li ezaminat mill-gdid il-provi kollha akkwiziti fil-process, flimkien mas-sottomissjonijiet li ghamlu l-kontendenti kemm bil-miktub u kemm oralment quddiemha, hija tal-fehma li ma intweriet l-ebda cirkostanza gravi li b'xi mod tindika li l-ewwel Qorti kienet skorretta fl-apprezzament tal-provi li ghamlet. Anzi din il-Qorti tmur oltre u tghid li jidhrilha li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb, gust u ekwu tal-provi migjuba quddiemha.

10. Jidher car li l-ewwel Qorti kienet sodisfatta li s-socjeta` attrici tat widen ghal dawk l-ilmenti ragjonevoli li ghamlet is-socjeta` konvenuta. Is-sentenza appellata rrimarkat li s-socjeta` attrici accettat li f'Haz-Zebbug il-ktejjeb tqassam tardivament tant li accettat riduzzjoni fl-ammont kollu li kien dovut lilha skond il-ftehim bil-miktub u li in oltre saret riduzzjoni ulterjuri ta' ghaxra fil-mija (10%) fuq il-bilanc dovut. L-ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha ghaliex ma setghetx taghti affidament ghall-ezercizzju ta'

stharrig li ghamlet is-socjeta` konvenuta u kien ghalhekk li l-ewwel Qorti kkonkludiet:
“In vista ta' dan kollu jirrizulta li s-socjeta` attrici esegwiet bl-ahjar mod possibli l-obbligi taghha skond il-ftehim in kwestjoni. Jirrizulta li l-ktejjeb tqassam tard f'lokalita` wahda u r-riduzzjoni li saret mis-socjeta` attrici f'dan ir-rigward tirrizulta adegwata u ragionevoli fic-cirkostanzi. Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta sofriet xi danni, b'mod partikolari ghar-rigward tal-fatt li f'lokalita` wahda l-ktejjeb tqassam tard. Ghalhekk it-talba tas-socjeta` attrici ghandha tigi akkolta, filwaqt li l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi michuda;”

Din il-Qorti tikkondividi din il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti u ghalhekk qeghdha tirrespingi l-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti.

11. Bit-tieni aggravju taghha, is-socjeta` appellanti tallega li l-ewwel Qorti skartat provi krucjali li kienu l-bazi tad-difiza u kif ukoll tal-kontro-talba taghha. Tallega li l-ewwel Qorti ghamlet hekk arbitrarjament u minghajr ma kellha xi parir tekniku.

12. Is-socjeta` konvenuta sostniet li minn varji ezercizzji ta’ stharrig li hija stess ikkondiciet kien irrizultalha li l-ktejjeb in kwistjoni kien tqassam biss fit-tmenin fil-mija (80%) tad-djar fiz-zewg gzejjer. Hija sostniet li dan il-persentagg ma kienx gholi bizzejjed peress li hija kienet tistenna li t-tqassim isir f’mhux anqas minn hamsa u disghin fil-mija (95%) tad-djar kollha f’Malta u Ghawdex. L-ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha ghaliex hija ma setghetx toqghod fuq dan l-istharrig ex parte li ghamlet is-socjeta` appellanti. Din il-Qorti ma tara xejn hazin li l-ewwel Qorti, fl-ezercizzju tad-diskrizzjoni taghha dwar il-valutar tal-provi, uzat ukoll is-sens komun biex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha. Fil-fehma ta’ din il-Qorti hija ingusta l-kritika tas-socjeta` appellanti li l-ewwel Qorti skartat arbitrarjament il-provi li ressqet quddiemha. Ghall-kuntrarju, l-ewwel Qorti tat ragunijiet sensibbli u sodi ghaliex hija ghazlet li ma toqghodx fuq l-istharrig li sar da parti tas-socjeta` konvenuta:

“Dan l-istharrig kollu pero` wiehed ma jistax joqghod fuqu. L-istharrig li sar da parti tas-socjeta` konvenuta ma sarx b'mod xjentifiku. Kien ikun ahjar kieku tali stharrig sar minn xi hadd specjalizzat u indipendenti u mhux mis-socjeta` konvenuta stess. Fil-kaz fejn gew interpellati zewg membri ta’ l-iskema minn kull lokalita`, ma jistax jinghad li r-rizultat hu affidabbli peress illi jekk iz-zewg membri interpellati jghidu li ma rcevewx il-ktejjeb ghar-rigward ta' dik il-lokalita` in partikolari r-rizultat ikun li mija fil-mija (100%) ma rcevewx il-ktejjeb. Ghar-rigward ta’ l-ammont ta' telefonati li saru minn membri ta’ l-iskema lis-socjeta` konvenut, jista’ jinghad li dan l-ammont hu minimu meta wiehed jikkonsidra li l-membri fl-iskema, skond l-istess socjeta` konvenuta, huma erbgha u hamsin elf (54,000). Ma jirrizultax kif dawk il-21% minn 1174 marru fl-ufficju tas-socjeta` konvenuta meta huma stqarrew li ma kienux ircevew il-ktejjeb;”

13. Is-socjeta` appellanti affermat li hija kienet konvinta mis-serjeta` ta’ l-istharrig li ghamlet kif ukoll tal-prova tad-danni sofferti u allegati minnha. Madanakollu, kieku verament din is-socjeta` riedet tassigura li jkollha prova aktar affidabbli ta’ l-allegazzjonijiet taghha, kien f’interess taghha li tinkariga esperti indipendenti sabiex jaghmlu l-istharrig kollu necessarju – haga li m’ghamlitx ghaliex minflok ghazlet li toqghod fuq l-istharrig kondott mill-impjegati taghha stess u li l-ewwel Qorti kkunsidrat li ma kienx sufficcjentement affidabbli. In oltre, ghandu jinghad ukoll li ma kien hemm xejn li jzomm lis-socjeta` konvenuta milli titlob li l-ewwel Qorti tinnomina perit tekniku biex jaghmel dan l-ezercizzju, appena inbdew il-proceduri gudizzjarji odjerni. Ghalhekk, anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

14. Ladarba din il-Qorti sabet li l-ewwel zewg aggravji tas-socjeta` appellanti huma infondati, isegwi li anke t-tielet aggravju li huwa bbazat fuq il-kap ta’ l-ispejjez ghandu jigi respint u dan bazikament ghaliex ma giet avvanzata l-ebda raguni valida li tiggustifika li jkun hemm temperament fil-kap ta’ l-ispejjez.

15. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata *in toto* u tordna li anke l-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu kollha a karigu tas-socjeta` appellanti Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------